



# L-abbozz tal-kwadru titulari tal-Bażilika Santa Liena fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina

Jikteb is-Sur Mario Fenech

Meta l-Artist Francesco Vincenzo Zahra kien ġie kkummissjonat biex jagħmel il-Kwadru Titulari għal Kolleġġjata Elenjana lejn is-sena 1743, dan kien ħa ħsieb jagħmel l-abbozz tax-xogħol biex dan ikun jista' jiġi approvat. Ix-xogħol tal-Kwadru sar u dan wieħed jista' jgħid li huwa wieħed mill-ħafna Opri Sagri Artistiċi sbieħ li hemm f'din il-Bażilika.

Sfortunatament kien hemm żmien meta l-abbozz ta' dan il-kwadru ma kienx hemm ħjiel ta' fejn qiegħed. Jista' jkun li dan kien għand xi familja li kien mħalli għandha b'wirt mingħand il-Benefattur tal-Kwadru jew li jkun ġie mogħti bħala rigal. Fl-imgħoddi kien hemm diversi metodi ta' kif dak li jkun iħallas għal xi opra fil-knisja jingħata rikonoxximent. Kien hemm min jagħmel l-arma tal-kunjom fuq l-opra li jkun ħallas għaliha. Kien hemm ukoll min fil-kwadru jara li jkun hemm il-Qaddis li jġib ismu. Kien il-Monsinjur Edwardo Coleiro li sab dan l-abbozz f'ħanut f'Birkirkara u xtrah għal ħlas ta' Lira.

Baqa' għandu sakemm miet biex mbagħad permezz tax-xewqa tal-istess Monsinjur Coleiro b'kitba fit-testment tiegħu li kien sar għand in-Nutar Francis Micallef nhar il-5 ta' Frar 1993, l-abbozz sab postu fil-mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Din id-donazzjoni hija kkonfermata permezz ta' kitba oħra li għamel Monsinjur Coleiro bil-firma tiegħu flimkien ma' dik tal-Monsinjur Carmelo Bianco.

Kif jidher minn dan l-abbozz l-Artist kien diġa fforma dak li kellu f'moħħu li jagħmel fuq din it-tila. Meta pinġa l-Kwadru l-kbir, kif kien mistenni, għamel xi tibdiliet biex joħroġ aktar fid-deher din il-ġrajja tas-sejba tal-Għuda Mqaddsa tas-Salib minn Sant'Elena.

Fiċ-ċentru tal-attenzjoni s-Salib tal-Fidwa qiegħed jinżamm wieqaf minn żewġt irġiel. Filwaqt li l-Qaddisa Imperatriċi u Awgusta Sant'Elena narawha liebsa bl-ilbies umli u b'ħarsa ta' Qdusija fuq wiċċha.

Żewġ persunaġġi weqfin fuq in-naħa tal-lemin ta' dan l-abbozz jiddiskutu bejniethom dak li kien qiegħed iseħħ quddiem għajnejhom. Fuq in-naħa l-oħra, mara għarkubtejha f'art qiegħda tressaq lit-tarbija tagħha lejn l-Għuda Mqaddsa tas-Salib.

Xena mill-isbaħ li mbagħad ġiet żviluppata f'waħda ferm isbaħ fil-kwadru titular tal-Bażilika Elenjana. Forsi l-aktar tibdil sinifikattiv minn dan l-Abbozz għal kwadru titulari narawh fid-dettalji li ħareġ bihom l-Artist meta lesta dan ix-xogħol.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.





# Dan huwa l-abbozz tal-kwadru titulari li jinsab fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina

